Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 797/2014

**Alfred Zarb**

**Vs**

**Jolly Bay Hotel Operations Limited**

14 ta' Ottubru, 2016.

L-attur harrek lill-konvenuta ghas-somma ta' €1,316 somma li hallas ghall-akkomodazzjoni alternattiva fl-14 ta' Awissu 2011 lill-erba turisti li kienu bbukjati biex joqghodu fil-lukanda Primera Hotel fejn kien impjegat, u dan minhabba overbooking li kien hemm fil-lukanda.

Il-konvenuta kkontestat it-talba billi argumentat li:

1. L-azzjoni hi preskritta (Art. 2147 tal-Kodici Civili);
2. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

B'sentenza tas-17 ta' Marzu 2015, it-Tribunal cahad l-eccezjonijiet u laqa' t-talba tal-attur wara li osserva:

> *"It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur thalla wahdu f'sitwazzjoni li kienet ikbar minn dak mistenni minn receptionist. Ma sab ghajnuna minghand hadd ghax lanqas lil Manager ma beda jaqbad. F'sitwazzjoni bhal din it-Tribunal ihoss illi l-attur ghamel dak li seta' jaghmel u l-kumpannija konvenuta kien imissha tatu backing. Dan peress illi t-tort ta' dak l-overbooking certament ma kienx tar-receptionist.*
>
> *Fir-rigward tal-preskrizzjoni din ma tapplikax peress illi r-relazzjoni ma kinitx wahda bejn hotel keeper u klijent izda transazzjoni bejn haddiem u min ihaddem. Ghalhekk din l-azzjoni mhux preskritta u t-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni.*
>
> *Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici ta' elf tlett mija u sittax-il ewro (€1,613)*[1] *pero minnha jnaqqas it-tletin ewro (€30) li diga' thallas u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' elf mitejn u sitta u*

[1] Recte, €1,316 (ara verbal tas-seduta tal-4.3.2015).

*tmenin (€1,286) lill-attur. Bl-imghax legali mid-data tal-15 ta' Awissu 2011 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta."*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li t-Tribunal:

1. m'ghamilx apprezzament korrett tal-fatti.
2. injora 'l fatt li kien sar pagament u l-attur kien accettah ghas-saldu.

L-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-aggravji ghandhom jigu michuda.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

**Fatti.**

1. L-attur kien jahdem bhala *receptionist* fil-lukanda Primera Hotel, Bugibba. Lukanda ta' tlett stilel.
2. Fil-lejl tal-14 ta' Awissu 2011 kien xoghol, u l-ahhar erba' min-nies li dahlu ma kienx hemm kmamar ghalihom ghaliex il-kmamar kienu kollha okkupati. Pero' huma kellhom *booking* fil-lukanda.
3. Meta l-attur qalilhom li l-kmamar kienu kollha okkupati, il-klijenti bdew ighajtu.
4. Ghal dak il-lejl l-attur sabilhom akkomodazzjoni alternattiva fil-lukanda Grand Hotel Excelsior, li ghandha hames stilel.
5. Il-hlas lil Grand Hotel sar mill-attur. Hallas is-somma ta' €1,316, cjoe' l-ammont li b'din il-kawza qieghed jippretendi minghand il-konvenuta.
6. Fl-ahhar tas-sena 2011 l-attur ma baqax jahdem mas-socjeta konvenuta.

**Konsiderazzjoni**.

1. Il-qorti tibda biex tosserva li meta dwar il-meritu l-konvenut bhala eccezzjoni jghid biss li t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt, bhal f'dan il-kaz, qabel jibdew jingabru l-provi t-Tribunal **ghandu jordna** lill-konvenut biex jispjega l-eccezzjoni. Dik it-tip ta' eccezzjoni hi vaga u tohloq incertezza bla bzonn ghall-attur, li sa mill-bidunett tal-proceduri ghandu kull dritt ikun jaf x'inhi l-linja ta' difiza tal-konvenut. Fin-nuqqas jinghata lok ghal incertezzi bla bzonn.

2. Hu evidenti li fid-diffikulta li sab ruhu fiha, l-attur fittex ghal soluzzjoni biex jaqdi lill-klijenti tal-principal tieghu. Ma jirrizultax li dakinhar kien hemm xi superjur tieghu li seta' jiehu responsabbilta. Kien ghalhekk mehtieg li l-attur isib soluzzjoni ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha

intortament. Soluzzjoni li kellha tinstab minnufih ghaliex hu evidenti li l-klijenti kienu rrabjati li ma kellhomx kamra. Il-qorti temmen li probabilment l-attur ipprova jsib akkomodazzjoni alternattiva f'lukanda li m'ghandhiex il-prezzijiet tal-Grand Hotel Excelsior. Il-qorti ssibha difficli temmen li l-attur minnufih qabad u pogga lil dawn l-erba' min-nies fil-lukanda Grand Hotel Excelsior. Dan meta tqies li ma kellux garanzija li l-principal ser ikoprih u l-lukanda fejn kien jahdem kellha tlett stilel filwaqt li l-lukanda l-ohra hi hames stilel, fejn il-prezzijiet huma ferm oghla. L-attur stess xehed li kien cempel f'lukandi ohra biex isib akkomodazzjoni alternattiva. Verzjoni li ma gietx kontradetta. Il-qorti temmen li probabilment l-attur sab ruhu f'diffikulta' li jsib akkomodazzjoni alternattiva meqjus li kien hemm erba' min-nies, kien tard bil-lejl u f'nofs Awissu 2011. Hekk biss il-qorti tista' tifhem l-akkomodazzjoni alternattiva li sab fil-Grand Hotel Excelsior. Il-fatt li kien hemm differenza konsiderevoli fil-prezzijiet, ma jfissirx li d-decizjoni li ha l-attur kienet kapriccjuza. Il-konvenuta qalet li f'Malta hawn madwar 50 lukanda ta' tlett stilel. Ghall-qorti hu ghal kollox irragonevoli li wiehed jippretendi li f'dik il-krizi l-attur icempel f'kull lukanda biex jaccerta ruhu hemmx kamra vojta. Minn dak li qal l-attur, hu evidenti li l-erba' turisti kienu rrabjati tant li bdew ighajtu. Il-qorti ma tistax tlum lill-attur li fittex u sab soluzzjoni ghall-dawn 'l erba' min-nies li wara kollox kellhom *booking* fil-lukanda Primera u ghalhekk kellhom kull dritt li jinsistu li jinghataw akkomodazzjoni alternativa gialadarba l-lukanda kienet mimlija. Minflok farfar ir-responsabbilta l-attur fittex u sab soluzzjoni. Ghamel dak li suppost sar mill-principal tieghu. Ghalkemm Dr Joseph Fenech xehed: *"…. li kieku ma kienx wahdu s-sur Zarb u kien hemm l-assistant manager jew inkellha l-general manager jew sahansitra xi hadd mid-diretturi, din is-sitwazzjoni kienet tissolva billi konna nsibu xi lukanda fejn inpoggu lil dawn in-nies."* (fol. 33). Pero' din hi biss supposizzjoni u mhux prova li hekk kien jigri.

3. L-attur xehed:

> *"F'Jannar jien niftakar li **kienu offrewli tletin ewro (€30) ta' din il-kwistjoni** u f'Marzu meta kont cempilt biex nara nidholx ghax-xoghol kienu nfurmawni li Dr Fenech ma ridnix."*
>
> ***"Mistoqsi jekk jiena accettajt it-tletin ewro (€30), jiena nghid li iva."***

Hu veru wkoll li l-attur dam xejn inqas minn 3 snin sabiex ippropona din il-kawza.

Fit-twegiba l-attur qal li:

*i.* *"Minn imkien ma ngiebet il-prova illi l-offerta ta' tletin ewro (€30) illi saret lill-appellat kienet a saldu tal-pretensjonijiet tieghu."*

*ii.* Il-konvenut kien ser jaccetta €30 meta hallas €1,300 ?

Il-qorti m'hijiex konvinta mill-argumenti tal-konvenuta meta tikkunsidra li:

i. m'huwiex verosimili li f'Awissu 2011, lejl wiehed ghal erba' min-nies f'kamra bi tlett stilel fil-lukanda tas-socjeta konvenuta u f'lukandi ohrajn f'Malta matul ix-xahar ta' Awissu 2011, kienu jiswew €30 biss. Il-probabilta' hi li jekk il-konvenuta ghamlet offerta ghas-saldu, din kienet ser tkopri l-ispiza ta' lejl f'lukanda ta' tlett stilel ghal erba' min-nies. Spiza li fuq bazi ta' probabilita ma kinitx tkun ta' €30 biss. Lanqas m'hemm provi f'dan is-sens.

ii. hadd mix-xhieda tal-konvenuta ma semma xejn dwar il-hlas ta' €30.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma taqbilx mal-konvenuta li l-hlas ta' €30 sar ghas-saldu.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-aggravji tas-socjeta appellanti bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.